# It-Tletin Ħadd
# taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Jekk taħqru l-armla u l-iltim, il-qilla tiegħi tixgħel għalikom.*

Eż 22, 20-26

**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu**

Dan jgħid il-Mulej:

[20]«La taħqarx il-barrani, u la tgħakksux, għax intom ukoll kontu barranin fl-art ta' l-Eġittu.

[21]La taħqrux l-armla jew l-iltim, [22]għax jekk taħqruhom, u huma
jsejħuli, jien żgur nismagħha l-għajta tagħhom; [23]u l-qilla tiegħi
tixgħel, neqridkom bix-xabla; u n-nisa tagħkom jormlu u wliedkom jisfaw iltiema.

[24]Jekk inti tislef lil xi fqir mill-poplu tiegħi, iġġibx ruħek miegħu bħal wieħed sellief, u teħodlux imgħax.

[25]Jekk lil għajrek teħodlu l-libsa tiegħu b'rahan, agħtihielu lura qabel
inżul ix-xemx; [26]għax hu dik biss għandu biex jitgħatta, dik biss l-għata ta' ġismu; inkella fiex tridu jorqod? Għax jekk isejjaħli, jiena nisimgħu, għax jien ħanin.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 17 (18), 2-3a.3bc-4.47.51ab

R/. (2): Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi

2 Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!
3 Il-Mulej blata tiegħi,
fortizza u ħellies tiegħi. R/.

3 Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi,
qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi!
4 Insejjaħ lill-Mulej, li hu ta' min ifaħħru,
u nkun meħlus mill-għedewwa tiegħi. R/.

47 Ħaj il-Mulej! Imbierek hu, il-blata tiegħi!
Ikun imfaħħar Alla tas-salvazzjoni tiegħi!
51 Hu jkabbar ir-rebħ lis-sultan tiegħu,
juri mħabbtu mal-midluk tiegħu. R/.

# Qari II

*Intom dortu lejn Alla mill-idoli, biex taqdu lil Alla u tistennew lil Ibnu.*

1 Tess 1, 5c-10

**Qari mill-Ewwel Ittra ta’ San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin**

Ħuti, [5]intom tafu kif ġibna ruħna meta konna fostkom għall-ġid tagħkom.

[6]Intom sirtu tixbhu lilna u l-Mulej, billi lqajtu l-kelma fost ħafna
taħbit bil-ferħ ta’ l-Ispirtu s-Santu. [7]Hekk intom sirtu mudell għal
dawk kollha li emmnu fil-Maċedonja u l-Akaja. [8]Mhux biss il-kelma
tal-Mulej ħarġet minn għandkom u xterdet fil-Maċedonja u l-Akaja,
imma l-fidi li għandkom f’Alla xterdet ma’ kullimkien b’mod li aħna
ma għandna għalfejn ngħidu xejn.

[9]Huma stess jgħidu x’laqgħa kellna għandkom, u kif dortu lejn Alla u
tlaqtu l-idoli biex taqdu lil Alla ħaj u veru [10]u tistennew ġej mis-sema
lil Ibnu, li hu qajjem mill-imwiet, Ġesù li ħelisna mill-korla li ġejja.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 14, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, jgħid il-Mulej
u Missieri jħobbu,
u aħna niġu u ngħammru għandu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, u lil għajrek bħalek nnifsek.*

Mt 22, 34-40

## Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, [34]il-Fariżej, meta semgħu kif lis-Sadduċej kien
saddilhom ħalqhom, inġabru madwaru, [35]u wieħed minnhom, għaref
fil-Liġi, għamillu din il-mistoqsija biex iġarrbu: [36]«Mgħallem, liema
hu l-kmandament il-kbir, fil-Liġi?» [37]Qallu Ġesù: «"Ħobb lill-Mulej,
Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu."
[38]Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. [39]U t-tieni jixbhu:
"Ħobb lil għajrek bħalek innifsek." [40]Dawn iż-żewġ kmandamenti
huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu